# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Lulju 2014

## li taħtar żewġ membri Taljani fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2014/446/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ([1]) u 2010/29/UE ([2]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015. Fit-3 ta' Ġunju 2010, bid-Deċiżjoni 2010/311/UE ([3]), is-Sur Roberto COTA ġie maħtur membru sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Giovanni CHIODI u tas-Sur Roberto COTA saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

— Is-Sur Luciano D'ALFONSO, *Presidente della Regione Abruzzo*

— Is-Sur Sergio CHIAMPARINO, *Presidente della Regione Piemonte.*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

([1]) ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

([2]) ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.

([3]) ĠU L 140, 8.6.2010, p. 26.